**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 01/10(21_01_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-16 ta' Jannar 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Tqassim ta' responsabbiltajiet lill-Kunsilliera.
6. Suġġerimenti u proposti dwar Eco-Gozo.
7. Estimi Annwali 2010.
8. Karnival fil-Munxar 2010.
9. Fondi Speċjali 2010.
10. Sejħa għall-Offerti provvista u twaħħil ta' Pannelli Solari.
11. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 87/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti minn Kunsilli Lokali mal-iSkemi għall-ġbir ta' skart separat'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 88/2009 mingħand is-Senior Principal Officer, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Seminar Informattiv u Tqassim tal-Liġi l-Ġdida'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 89/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward '*Allowance* lill-Kunsilliera'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 90/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Skemi ta' Fondi Speċjali 2010'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 1/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Tqassim ta' Dokumenti lill-Kunsilliera'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 2/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Fond ta' Ko-finanzjament għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali taħt Programmi tal-Unjoni Ewropea'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 3/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Tibdil fl-Onorarju tas-Sindki'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 4/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Risk Assessment* tal-*Playing Fields* madwar Malta u Għawdex'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 5/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Urban Improvement Fund – MEPA'*.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 6/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Taħriġ għall-Kunsillieri'.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 7/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Aċċessibilta' Aħjar fil-Lokalitajiet'.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 8/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Xogħlijiet ta' Trinek fit-Toroq mill-Kunsilli Lokali'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 9/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Xogħol fuq Toroq Residenzjali'.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 10/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva'.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 11/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*ERDF Axis 2 - Pre-call* għal Proġetti b' aktar minn €2 miljun fil-qalba tal-Lokalitajiet'.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 12/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Għajnuna għat-Tħawwil ta' Siġar'.

2.17 Il-Kunsill irċieva Memo 13/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Laqgħa tal-Lokalita' u l-Preparazzjoni tal-Estimi Finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma għas-sena 2010'.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 14/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010'.

2.19 Il-Kunsill irċieva Memo 15/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Fondi Speċjali għal Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali'.

2.20 Il-Kunsill irċieva Memo 16/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-Responsabbilta' ta' Librerija Lokali'.

2.21 Il-Kunsill irċieva Memo 17/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ħatra ta' Udituri tal-Gvern Lokali'.

2.22 Il-Kunsill irċieva Memo 18/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli'.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-GreenPak rigward l-ifformar uffiċjali tal-Koperattiva GreenPak.

2.24 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairman* ta' Discern rigward numru ta' kotba għall-bejgħ li jiġbru t-*talks* kollha li saru fil-konferenza fuq l-Ambjent li għamlet il-Kummissjoni Ambjent tad-Djoċesi.

2.25 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward il-konferenza annwali mtella' mill-Organizzazzjoni European Cities Against Drugs (E.C.A.D) li ser issir f' Għawdex bejn il-21 u t-23 t' April 2010.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward għotja ta' siġar taż-Żebbuġ lill-Kunsilli Lokali Għawdxin.

2.27 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Posta Eletronika għal kull Kunsillier'.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Tourism and Sustainable Development Unit, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-'European Destinations of Excellence Award Project' ta' din is-sena.

2.29 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA rigward il-laqgħa sabiex tiġi diskussa PC 0050/08 – To establish zoning, building heights and alignment of roads and buildings, site at Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Gozo.

2.30 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand id-Direttur, Ċentru Fidi u Ġustizzja sabiex il-Kunsill jattendi għas-2nd Module of the Catholic Social Teaching Course li jibda fl-20 ta' Jannar 2010, fil-Catholic Institute.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-EU Affairs Consultant, Europe Direct Mosta Malta rigward 'Town-twinning applications'.

2.32 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Toroq 2010'.

2.33 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Chief Executive Officer, CareMalta Group rigward in-'Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care'.

2.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010'.

2.35 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward '*TV Slot*'.

2.36 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ammonti Dovuti mill-Korporazzjoni Servizzi ta' l-Ilma'.

2.37 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fis-17 ta' Novembru 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward is-'Sustainable Energy Action Plan (S.E.A.P.) dwar il-Patt tas-Sindki'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Rappreżentant tar-Raw Bikers Malta M.C. Huma qed jippjanaw attivita' tal-massa bil-fuq minn 150 *motor cycle*. Peress li l-Kunsill jista' jorganizza xi attivita' u jista' jkun hemm lok li nikkollaboraw huma qed jitolbu sabiex niltaqgħu ħalli niddiskutu. Il-Kunsill kien ser jiddeċiedi aktar 'il quddiem.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna fejn ilmentat li fi Triq il-Munxar hemm bankina għolja u ħabtet il-bieba tal-karozza. Il-Kunsill kien ser jiktbilha lura sabiex tispjega liema hija l-bankina eżattament.

3.03 Fil-laqgħa kien hemm preżenti żewġ persuni residenti fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi. Peress li din it-triq hija *no entry except in emergency*, huma qed jitolbu sabiex issir ukoll *except residents*. Kien hemm qbil dwar dan.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 01/10(21_01_10).

**5.00 Tqassim ta' responsabbiltajiet lill-Kunsilliera.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar responsabbiltajiet li għandhom jiġu mqassma lill-Kunsilliera. Ġie deċiż li jingħataw hekk:

Indafa u Toroq – Is-Sur Saviour Spiteri
*Sports* – Is-Sur Mario Camilleri
*Social* – Is-Sur Patrick Grima
Kultura u Anzjani – Is-Sinjura Carmen Said

**6.00 Suġġerimenti u proposti dwar Eco-Gozo.**

6.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar suġġerimenti li għandu jibgħat il-Kunsill lill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill jixtieq jissuġġerixxi sabiex jitnaddfu u jitħammlu l-widien. Fi Triq Ras il-Bajjada, Triq ix-Xatba u Triq Żgħawri jinbnew il-ħitan tas-Sejjieħ u jsir ilqiġħ għall-ilma tat-toroq permezz ta' *culverts*.

6.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-laqgħa li kienet saret għas-Sindki, mill-Ministru għal Għawdex, ġie mħabbar li l-Ministeru għal Għawdex ser iħallas għad-dwal tal-Pjazza sabiex ikunu jaħdmu bil-Pannelli Solari. Il-Kunsill kien ser jitlob sabiex il-fanali li hemm fi Pjazzetta t-12 ta' Diċembru 1957 ikunu nklużi mal-Pjazza.

**7.00 Estimi Annwali 2010.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-membri tal-Kunsill dwar il-*Cash in hand* fil-31 ta' Diċembru 2009. Flus fil-bank għandna €108,997 u Kredituri €6,506. *Commitments* għall-apparat tal-*Playing Field* hemm €38,238 u xogħol ta' kostruzzjoni li diġa' sar mill-Kuntrattur huwa stmat li jitla' għal €63,000. Għaldaqstant il-Kunsill ma huwiex ser ikollu fondi żejda li mis-sena 2009 jintefqu fis-sena 2010. Is-Sur Patrick Grima talab sabiex il-kontijiet għal xogħol ta' kostruzzjoni li qed isir minn MPJ Ltd. għandhom ikunu dettaljati. Kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li l-kontijiet dejjem ikunu ddettaljati.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta proposta tal-*Budget* għas-sena 2010. Id-dħul mill-allokazzjoni tal-Gvern ser tkun ta' €205,382 u €250 ta' permessi. L-ammont ta' l-Emoljumenti Personali ser ikun ta' €55,482, filwaqt li spejjeż ta' manutenzjoni ser ikun ta' €150,087. Għal din is-sena l-ammonti allokati għall-manutenzjoni tat-toroq li jinkludi wkoll it-tindif tat-toroq irid bilfors jintuża għal dan l-iskop jekk ma jkunx hemm l-awtorizzazzjoni bil-miktub tad-Dipartimenti għall-Gvern Lokali biex jintużaw għal skopijiet oħra.

Il-ħin kien is-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tlieta, 26 ta' Jannar 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

Il-laqgħa tkompliet nhar it-Tlieta, 26 ta' Jannar 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

**8.00 Karnival fil-Munxar 2010.**

8.01 Il-Kunsill qabel unanimament li s-Serata tal-Karnival ta' din is-sena ma ssirx u dan qed isir bl-akbar responsabbilta' lejn il-ħtiġijiet u prijoritajiet tal-lokalita'. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2010 ġiet ippjanata li tkopri l-ispejjeż tas-servizzi kollha u xogħlijiet ta' manutenzjoni li jsiru kull sena. Prijorita' ser tingħata lill-proġett tal-*Playing Field*. Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat nota dwar dan.

**9.00 Fondi Speċjali 2010.**

9.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar liema fondi għandu japplika. Ġie deċiż li japplika għal dawn il-fondi:

Memo 7/2010 - Skema dwar Aċċessibilta' Aħjar fil-Lokalitajiet li tagħlaq fit-12 ta' Frar 2010. Il-Kunsill ser japplika sabiex l-Uffiċċju Amministrattiv ikun aċċessibbli.

Memo 9/2010 - Xogħol fuq Toroq Residenzjali li tagħlaq fit-30 ta' Jannar 2010. Il-Kunsill kien diġa' rrisponda dan il-*Memo*.

Memo 10/2010 - Skema dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva li tagħlaq fit-30 ta' Jannar 2010. Il-Kunsill ser japplika għall-Pannelli Solari fuq l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Memo 11/2010 - *ERDF Axis 2 - Pre-call* għal Proġetti b' aktar minn €2 miljun fil-qalba tal-Lokalitajiet. Il-Kunsill ser japplika għall-Pjazza tal-Knisja u niftħu x-*shelters* tal-Pjazza.

Memo 15/2010 - Fondi Speċjali għal Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali li tagħlaq fid-29 ta' Jannar 2010. Il-Kunsill diġa' applika għall-bżonnijiet tax-Xlendi.

Memo 18/2010 - Skema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli li tagħlaq fil-15 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill kien ser japplika.

Memo 21/2010 - Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi żgħar li tagħlaq fid-19 ta' Frar 2010. Il-Kunsill ser japplika sabiex jiġu restawrati niċeċ, il-*bridge* tal-Lunzjata u l-istatwa ta' Sant' Indrija.

**10.00 Sejħa għall-Offerti provvista u twaħħil ta' Pannelli Solari.**

10.01 Wara li s-sena l-oħra kienet saret sejħa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex Kunsilli japplikaw għal skema proġetti *energy saving*, il-Kunsill Lokali Munxar applika sabiex l-enerġija għad-dwal fil-*Playing Field* tiġi ġġenerata minn Pannelli Solari. Il-proposta tal-Kunsill ġiet milqugħa u ser jingħata s-somma ta' €10,000. Għaldaqstant il-Kunsill kien ser joħroġ sejħa u hu kkalkulat li l-proġett ma jitlax aktar minn €10,000.

**11.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-madum tal-*Playing Field* wasal u wara li jsiru t-turġien bl-irħam, it-tqegħid tal-madum jista' jitkompla.

**12.00 Rapport tas-Sindku.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa tal-Kumitat li qed jipproponi xogħlijiet ta' tisbiħ fix-Xlendi. Huwa attenda wkoll għal-laqgħa ta' informazzjoni mill-Kumpanija GreenPak dwar skart riċiklat.

12.02 Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa tas-Sindki u Segretarji Eżekuttivi dwar l-emendi l-ġodda fil-liġi tal-Kunsilli Lokali u laqgħa mal-Bord tal-Proġetti Inizjattivi Sportivi.

12.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien kellmu l-Inġinier tal-Water Services Corporation rigward it-talba tal-Kunsill li sabiex issir trinka fi Triq Ras il-Bajjada, r-*reinstatement* tat-triq irid isir nofs it-triq fejn it-triq hija wiesgħa u t-triq kollha fejn it-triq hija dejqa. Ġie ssuġġerit li l-Kunsill jibdel il-kundizzjonijiet u jesiġi li r-*reinstatement* isir wisa' ta' *paver* jiġifieri 8 piedi wiesa'. Is-Sindku kellem lill-Inġinier Curmi dwar it-trinka li ser issir minn ġo Ġnien Ragalna.

12.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għall-ħarġa li saret għat-tfal biex jaraw il-presepji kienu attendew tnax.

**13.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-*Contract Manager* għall-offerta Supply, Installation, Testing and Commissioning of Photovoltaic System for new Munxar Playing Field tkun l-istess Kumpanija li l-Kunsill diġa' għandu kuntratt magħha għal dwal ta' toroq. Il-Kumpanija hija Galea Curmi Engineering.

13.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill rigward emendi fil-liġi tal-Kunsilli Lokali li ġew fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010. Dan it-tibdil qed jiġi spjegat permezz ta' *memos* li joħroġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn dawn il-*memos* qed jintbagħtu lill-Kunsilliera b' *e-mail*. Issa jmiss li kulħadd jagħmel il-parti tiegħu u jsegwi r-regolamenti l-ġodda sabiex jiġu evitati problemi aktar 'il quddiem.

**14.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

14.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**15.00 Materji oħra.**

15.01 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jirranġa r-*road hump* ta' Triq il-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan.

15.02 Is-Sindku ppropona li *parking* fi Triq Santa Dminka ma jsirx minn *heavy vehicles* eżattament ma' bibien ta' garaxxijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***